**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Settembru 2024**

**Rikors Guramentat nru : 77 /2024 AGV**

**Fl-ismijiet;**

**Dr I M**

**vs**

**Dr JG**

**Il- Qorti;**

**Rat ir- Rikors Guramentat** ta' Dr. IM .

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-

1) Illi l-kontendenti zzewwgu fil-25 ta' Ottubru 1998 u ghandhom tlett (3) itfal, u cioe Z MG illi twieled fl-4 ta' Gunju 2006, GM G illi twieled fit-28 ta' Ottubru 2007 u MM G , illi twieldet fil-11 ta' Dicembru 2009 **;**

2) Illi pendenti bejn il-kontendenti hemm kawza fl-ismijiet 'Dr. JG vs Dr. M f' rikors guramentat numru 16/2018 AL, b'talbiet reciproki ghas-separazzjoni personali taghhom u talbiet ohra dwar il-kura u kustodja tal-ulied minuri**;**

3) Illi permezz ta' digriet datat 18 ta' Awissu 2023 din l-Onorabbli Qorti wara li ezaminat ir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut[1] ghaddiet biex tiddikjara li taqbel mal-konsiderazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet li hemm imsemmi fl-imsemmi rapport u ghalhekk ***tiddeciedi illi t-tlett ulied ghandhom jirresjedu ma' missierhom*** **(rapport u digriet anness u mmarkat bhala Dok.** A**)**

4) Illi fl-udjenza ta' nhar il-10 ta' Ottubru 2023 l-attur talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex "*in vista tas-sitwazzjoni tal-konjugi fid-dar kif ukoll kif evidenzjat ukoll mir-rapporti illi dahlu, jitlob illi fl-interess tal-ulied tal-istess partijiet, dina l-Qorti tordna l-allontanament tal-attrici mid-dar taz-zwieg u ghal din il-fini jitlob li ghal-konvenjenza taghha il-Qorti tiffissa jum ghas-smigh tad-domandi illi ghandhom jsiru mill-attrici lill-Haddiema tas-Socjali u professjonisti li jahdmu mad-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal u okkorrendo lill-partijiet f' jum illi tenut kont ic-cirkostanzi ma jkunx il-boghod*".

[1] mahtura mill-istess Onorabbli Qorti permezz ta' digriet tal-21 ta' Ottubru 2022.

5) Illi fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2023 u tas-17 ta' Jannar 2024 xehdu diversi professjonisti dwar il-komportament tal-konvenuta, r-relazzjoni hazina taghha m'uliedha, u l-impatt hazin tal-imgieba tal-konvenuta fuq il-minuri u kif ukoll il-konvivenza taghhom;

6) Illi b' digriet mghoti fil-Qorti bil-miftuh, fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2024 il-Qorti - ghad illi fl-istess digriet gharfet illi r-relazzjoni tal-omm mal-ulied kienet ippeggorat, illi l-attrici mhux tikkoopera mal-professjonijiet biex tiehu t-terapija mehtiega bl-ghan illi tibni xi tip ta' relazzjoni mal-ulied, illi ma hemmx dubju illi hemm tensjoni kontinwa fid-dar matrimonjali u glied u ghajjat bejn l-omm u l-minuri u bejn l-omm u l-missier, u dan b'detriment ghall-ulied, illi huwa minnu ukoll illi jkun ferm ahjar jekk il-genituri ma jibqghux jghixu fid-dar matrimonjali, - ghaddiet sabiex tichad it-talba tal-attur ghaliex "*l-Qorti **ma tistax tohloq precedent perikoluz** billi f'dan l-istadju tal-kawza tordna lill-attrici biex tallontana ruhha mid-dar matrimonjali ghal terminu mhux definit. Din il-kwistojini **trid tigi deciza mal-gudizzju finali u mhux qabel***" (Digriet anness ma dan ir-rikors u mmarkat bhala **Dok B**);

7) Illi l-attur ipprezenta rikors nhar is-26 ta' Marzu 2024 fejn talab "*illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha, a tenur tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12, tal-Ligijiet ta' Malta, previa s-smiegh ta' dan ir-rikors u l-eventwali risposta kif mahsub fil-ligi, tirrikonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha mghotija permezz tad-digriet tal-20 ta' Marzu 2024*" izda permezz ta' digriet datat is-27 ta' Marzu 2024 dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba u stqarret illi "*Il-Qorti rat id-digriet taghha imsemmi. Wara hafna hsieb u wara li kkunsidrat ix-xhieda u l-provi li kienu tressqu kif ukoll wara li semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, minn dakinhar sa llum ma nbidel assolutament xejn*" (rikors u digriet anness u mmarkat bhala **Dok. C**);

8) Illi l-esponent ihossu aggravat bid-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti mghotija permezz tad-digriet tal-20 ta' Marzu 2024, u dan ghar-ragunijiet imsemmija f'dan ir-rikors:

**A. L-aqwa interess tat-tfal ulied il-kontendenti.**

9) Illi l-konvenut qieghed jara lill-uliedu jbaghtu kontinwament minhabba l-imgieba hazina hafna ta' ommhom, illi minflok qeghda timxi mar-rakomandazzjonijiet tal-professjonisti – jew imqar tipprova tikoopera maghhom – qeghda tippersisti fl-agir hazin hafna taghha, minkejja illi taf u tara illi qeghda taghmel hafna hsara lil uliedha stess;

10) Illi ghal dan il-ghan l-esponent sejjer jelenka ftit minn dak illi xehdu l-esperti f'dawn il-proceduri sa' issa:

**a.** Illi l-espert psikologu Carmen Sammut fir-rapport taghha tghid li kellha esperjenza diretta ta' kif tiffaccja l-affarijiet l-attrici "*ghax fl-ewwel zewg laqghat li kelli maghha (maghha l-ewwel li ltqajt f'dn il-kaz) hi giet b'hafna ghajjat fil-klinika, u dan qabel ma konna bil-kemm bdejna. Mn'Alla li ma kienx hemm nies fil-klinika hlief ir-receptionist…fit-tieni laqgha taghna, laqgha li hi stess insistiet li jkollha peress li hi qalet ghandha hafna xi tghid, regghet giet b'hafna ghajjat dwar dan il-hela ta' hin…*"[2]

**b.** Illi Andreana Gellel xehdet illi t-tfal "*Semmew ezempji cari u bdew jitkellmu huma, minkejja li ghadhom zghar, raw diversi affarijiet u ghandhom l-opinjoni taghhom so r-raguni ghalfejn bdew jaghtu u ghalfejn bhalissa jixtiequ jzommu distanza mill-omm, kienu validi*

[2] 17 ta' Awissu 2023.

*ghalihom u nahseb li jekk ninsistu maghhom at this point xi tip ta' kuntatt lilhom u anke l-genitur*" u "*Il-Qorti: Dawn qeghdin fl-istess dar. Taf li qeghdin fl-istess dar? Adriana Gellel: Iva naf u* ***qed tohloqilhom hafna tensjoni***" u "*Nemmen li l-mod kif qed tigi tackled biex jkun hemm relazzjoni bejn l-omm u t-tfal mhux l-ahjar, kemm ghat-tfal ghax qed jkunu iktar antigonisti lejha u kemm ghaliha ghax hi thossha li trid tirribella u tkun trid timponi*"[3]

11) Illi huwa umilment u reverentement sottomess, illi l-ulied huma misthoqqa mill-protezzjoni tal-Qorti ghaliex kull wild ghandu d-dritt illi jikkonfronta l-hajja tieghu – bil-problemi u l-pressjonijiet li fiha – minghajr ma jinkwieta illi kif ommu tasal d-dar hija sejra taghmel minn kollox biex taqla' l-inkwiet ma' missierhom u/jew maghhom (allura uliedha) stess, u allura minghajr ma jkomplu jigu mkaxkra f'dan il-wied ta' biza u dwejjaq tenut kont l-imgieba hazina hafna ta' ommhom;

12) Illi din l-Onorabbli Qorti qed tgharaf illi l-ulied minuri m'ghandhomx jibqghu ighixu fis-sitwazzjoni prezenti tant li b'dan id-digriet "***tawtorizza lill-konvenut biex jekk irid hu jallontana ruhu mid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied minuri wara li dawn tal-ahhar ikunu lestew l-ezamijiet kollha tal-ahhar tas-sena skolastika."*** hekk li jkunu l-minuri li jbatu aktar ghall-agir ta' l-omm li sabiex jitrabbew fil-kuntentizza li tisthoqqilhom, ikollhom johorgu mid-dar li fiha dejjem ghixu.

**B. L-Artikolu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

13) Illi l-ligi, partikolarment l-artikolu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tghid illi "*Fiz-zmien li tkun miexja l-kawza tal-firda, kull wahda mill-partijiet,*

---

[3] 10 ta' Ottubru 2023.

*sew jekk attrici jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taz-zwieg u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taz-zwieg u sew jekk le,* ***titlob lill-qorti biex tiddeciedi liema wahda mill-partijiet ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg,*** ***<u>sakemm tkun miexja dik il-kawza</u>***"

14) Illi fid-digriet taghha, dina l-Onorabbli Qorti semmiet illi m'ghandux jinholoq precedent gej mill-fatt illi l-Qorti ma tistghax tordna l-allontanament ta' parti ghal terminu mhux definit, minghajr ma tohloq precedent. Jinghad b'kull rispett illi skont il-ligi, l-gurisprudenza u l-logika, kull digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti *pendente litem* f'kawza ta' separazzjoni jispicca l-effett tieghu hekk kif il-kawza tigi maqtugha, deciza, ceduta, fi kliem iehor *pendente litem* ma tistghax tinkludi zmien wara d-decizjoni ta' kawza. Illi anka kieku stess dan ma kienx il-kaz il-Qorti tista' ukoll kif depost mill-artikolu 230 tal-Kapitolu 12 twarrab jew tirrevoka kull digriet f'kaz illi c-cirkostanzi jinbidlu. Illi ghalhekk dan kollu hu specifikament mahsub fil-ligi u kif ukoll fl-artikolu 55A tal-Kapitolu 16 fejn il-Qorti ghandha tghid u tipprovdi fis-sentenza taghha min mill-mizzewgin ghandu jokkupa d-dar taz-zwieg;

15) Illi ghalhekk l-attur hu tal-umili fehma illi skont il-ligi, l-Qorti ma hijiex prekluza milli tiddeciedi min mill-partijiet ghandu jghix fid-dar matrimonjali pendenti l-proceduri u cioe qabel il-gudizzju finali, u anzi l-Qorti ghandha s-setgha – moghtija lilha mill-legislatur - illi tiddeciedi min ghandu jghix fid-dar matrimonjali "matul il-procedimenti", u dan specjalment meta l-konvivenza tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom mal-minuri tkun qeghda tohloq tensjoni u biza insapportabbli ghall-minuri u ta' detriment ghall-edukazzjoni u l-benessere taghhom. Illi in oltre dik l-istess Onorabbli Qorti,

kienet ppronunzjat ruhha diversi drabi dwar l-izgumbrament ta' parti mid-dar matrimonjali pendente litem[4]

16) Illi hemm lok ghall-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti ghaliex ma jistghax jigi mholli jigri illi tfal tal-eta tal-minuri ta' Zacharias, Gabriel u Maria ikomplu jittrabbew f'ambjent fejn isibu ruhhom il-mira tal-attakki ta' ommhom stess kontinwament u li jinhtieg ghalhekk illi, wara li jsir smiegh xieraq tal-kontendenti, dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi dwar l-okupazzjoni tad-dar konjugali;

**Ghaldaqstant** l-attur jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka id-digriet imsemmi hawn fuq u cioe dak datat l-20 ta' Marzu 2024 u minflok tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmi minuri, Zacharias, Gabriel u Maria ahwa Micallef Ghigo, ulied il-kontendenti, id-dar konjugali ghanda tigi okkupata esklussivament mill-attur Dr. Ian Micallef u l-imsemmija tfal tal-kontendenti u dan ad eskluzjoni tal-istess intimata Dr. Joanna Ghigo, *pendente litem;*

**Bl-ispejjez, kontra l-istess konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- risposta ta' Dr JG ;**

[4] *Vide* Bugeja Simon vs Bugeja Rita, (27/12AL), digriet tal-25 ta' April 2014; Ramona Njoku vs Kent Chibozur Njoku, (229/16 AL), digriet tal-4 ta' Awwissu 2016; Axisa Maria Carmela vs Axisa Joseph, (396/2010 AL), digriet tat-2 ta' Novembru 2010; Oxana Sciberras vs Owen Sciberras (1283/15);

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tghid ;**

1. Illi preliminjarjament ghandu jinghad li dawn il-proceduri gew intavolati wara li <u>din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippresediet fil-procedeuri ta' separazzjoni bejn il-kontedenti kawza Nrru: 16/18 AL fl-ismijiet inversi</u> cahdet dak mitlub mir-rikorrenti u cioe biex l-esponenti tallontana ruhha mid-dar matrimonjali tal-kontedenti u dan wara allontanament ta' sitt xhur mill-esponenti il-boghod minn uliedha u sahansitra kellha tikri fond furnished a spejjez taghha sabiex ikollha residenza tul l-imsemmi perjodu allontanament li wassal mhux biss biex

   a) L-esponenti omm ma tgawdix lit-tlett uliedha fl-ambjent tad-dar taghhom inkluz li tipprovdilhom ghall-bzonnijiet taghhom izda sahansitra

   b) Giet imcahhda arbitrarjamnet b' mod sistematiku milli tiltaqa' jew tikkomunika mal-istess uliedha oltre l-fatt

   c) Li fil-waqt li hija kellha thallas ammont sostanzjali ghall-kirja (wara li l-ewwel sabiet refugju tramite l-Appogg u mal-YMCA), ir-rikorrenti baqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali minghajr ebda hlas ta' kera;

2. Illi l-allontanament tal-esponenti mid-dar martimonjali kien mahsub sabiex fil-frattemp jsiru assessments minn professjonijsti dwar id-dinamika tal-familja kontendenti, l-ulied inkluzi, li l-opinjoni tal-esponenti omm serva sabiex l-ulied ikomplu jesponu ruhhom ghal parental alienation kontriha u konsegwenza ta' hekk, saret aktar hsara minn qatt qabel. Dan il-fatt gie ukoll ikkunsidrat minn l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta biex waslet ghall-konkluzjoni taghha;

3. Illi di piu l-esponenti ssostni li din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta fl-proceduri surriferiti ghamlet dak kollu possibli sabiex tifhem u tiddeciedi dwar dak li huwa il-mertu ta' dawn il-proceduri inkluz li semghat b 'mod ezawrjanti u bir-reqqa mhux biss lill-psikologa minnha mahtura Dr. Carmen Sammut izda ukoll lill-professjonisti ohra fosthom Dr. Veronica Ellul Federici psikologa li tkellmet fuq il-parental alienation suggetata ghaliha ulied il-kontedenti u Ilona Micallef Deguara inkarigata mid-DVU tal-pulizija uhud izda mhux kollha huma indikati bhala xhieda f' dawn il-proceduri meta fil-verita' din l-Onorabbli Qorti, kif diversament ippreseduta hadet in konsiderazzjoni ta'  dak li huwa xehed inkluz in repetizzjoni ta' dak kollu li ntqal precedentament mill-istess professjonijsti ftit tax-xhur ilu qabel ma din l-Onorabbli Qorti kif diversament ppreseduta, tat id-digriet taghha li dwaru qed ikunu ntavolati dawn il-proceduri;

4. Illi b' kull rispett, l-esponenti tispjega li l-proceduri ta' separazzjoni ta' bejnithom sfortunatament ilhom ghaddejin ghal dawn l-ahhar sebgha snin u fl-opinjoni taghha kien ikun ahjar li kieku sar sforz bejnithom biex jaslu bonarjament minflok inkunu ntavolati proceduri godda fil-konfront ta' xulxin li bla dubju ta'  xejn, joholqu aktar tensjoni fuq uliedhom li spiccaw

ibatu l-aktar ghaliex wara kollox iz-zwieg tal-kontedenti gie dikjarat null kif ukoll it-tnejn huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin bil-professjonijiet rispettivi taghhom;

5. Illi l-esponenti temmen b' konvizjoni li din l-Onorabbli Qorti kif diversamnet ippreseduta u dan mhux b' nuqqas bir-rispett lejn l-Onorabbli Qorti li giet assenjata dawn il-proceduri altru milli xtaret sew ic-cirkostanzi prevalenti ikunu hemm dupplikazzjoni inutili ta' xoghol gudizzjarju;

6. Illi l-esponeni tirrepeti dak li hija spjegat diversi drabi li ghalkemm huwa minnu li l-istudju post graduate taghha l-Ingiltrera fil-medicina b' success il- boghod mill-familja biex tispiccjelizza fil-qasam mediku ta' ginekologija kif ukoll il-process sakemm saret kif inhi il-lum, u cjoe konsulenta dwar l-istess qasam, u noncio l-impenji professjonali li jinkludu interventi komplessi fuq nisa morda serjament, kif ukoll nisa tqal u mhux sempliciment tassisti fit-twelied ta' trabi godda bhala omm hija tixtieq tridt u ghandha il-hin biex tiehu hsieb t-tlett uliedha Z , G u M bhala omm rikorrenti ghandu l-impenn tieghu professjonali inkluz barra minn Malta minn zmien ghal zmien u li jippreferi jhalli lit-tliet ulied mal-ġenituri tieghh li huma ta' certa eta' milli mal-esponenti omm u dan avolja l-esponenti omm kemm- il darba spjegatlu li kienet disponibbli bizzejjed li anke twassal u / jew tigbor l-ulied fejn ikun mehtieg bhal per ezempju skola u football oltre li tghinhom fix-xoghol tal-iskola fost l-ohrajn;

7. Illi l-esoponenti thossha mweggha hafna u kkastigata ngustament li r-rikorrenti ghamel qed ikompli jaghmel minn kollox biex jaqta lill-esponenti minn uliedha u bhala mara li segwiet karriera professjonali wara studju u sagrificji personali ghandha tigi kkastigata minhabba f'hekk tant li din l-Onorabbli Qorti kif diversi ippreseduta , altru milli femtha ir-realta'

ezistenti ta' dawk in-nisa ommijiet, li jservu karriera professjonali b' success li b'xi mod direttament u indirettament indubbjament timpingi fuq il-familja ta' dak li jkun , u l-esponenti tispjega li ghalkemm fil-ligijiet ta' pajjizna kif ukoll fil-qafas legali Ewropew ragel, mara f' dan il-kaz zewg professjonisti bil-karriera b`impennji rispettivi taghhom, huma ddikjarati ugwali fir-realta', kif gie fuq spjegat dan mhux dejjem il-kaz fil-prattika bhal fil-kaz in dezamina;

8. Illi l-esponeti tirrileva li konvenjetntament, id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat promutur, huma dawk intavolti mir-rikorrenti fliemkien ma' digrieti rispettivi, mhux ir-risposti tal-esponenti, u l-istess jista jinghad dawr il-fatt li gie anness kopja tar-rapport tal-Psikologa Dr. Carmen Sammut u xejn aktar la rapport u lanqas ix-xhieda tal-professjonijsti l-ohra msemmija aktar 'il fuq haga mhux accettabli sabiex din l-Onorabbli Qorti ,jkollha kwadru shih u tkun tista tapprezza l-fatti u l-argumenti kollha. F' dan ir-rigward ,l-esponenti qed tintavola dak kollu li konvenjenetament ma giex intavolat mar-rikors guramentat promutur.

Ghaldaqstant, in vista tas-supost ta' dak gja mixtarr sew u deciz minn din l-onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta wara li semghu sia l-professjonisti kollha inkluz in kontro - ezami kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-avukati rispettivi tal-partijiet , l-esponenti temmen li t-talbiet rikorrenti kif hemm kontemplat fir-rikors guramentat promutur ghandhom ikunu michuda in toto.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

Rat l-inkartament u l-provi prodotti miz-zewg partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet tal-11 ta' Lulju 2024;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi quddiemha din il-Qorti ghandha s-segwenti fatti:

1. Illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, liema ilhom pendenti sa mis-sena elfejn u tmintax (2018);

2. Illi tul iz-zwieg tal-partijiet twieldu tliet ulied, Z, li twieled nhar l-4 ta' Gunju 2006, G, li twieled nhar it-28 ta' Ottubru 2007 u M li twieldet nhar il-11 ta' Dicembru 2009;

3. Illi mhux kontestat li l-konvivenza ta' bejn il-partijiet saret impossibbli, dan jikkonfermawh kemm iz-zewg partijiet, kemm l-ulied, kemm il-professjonisti li b'xi mod jew iehor gew f'kuntatt mal-kontendenti u mal-ulied, u anke l-Qorti diversament preseduta fid-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2024;

4. Illi b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2022, din il-Qorti diversament preseduta, kienet ordnat li fi zmien massimu ta' xahar min-notifika ta' dak id-digriet, Dr. J G kellha tohrog mid-dar matrimonjali ghal perjodu massimu ta' sitt xhur. Jirrizulta li fattwalment Dr G, allontanat ruhha mill-fond konjugali u regghet dahlet lura wara li skorrew is-sitt xhur imsemmija;

5. Illi waqt is-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023, l-attur rega' talab, anke fl-interess tal-ulied, li l-Qorti tordna l-allontanament mill-gdid tal-attrici mid-dar taz-zwieg; dwar liema l-Qorti diversament preseduta pprovdiet permezz ta' digriet tal-20 ta' Marzu 2024, f'liema tenniet is-segwenti:

*"Illi l-Qorti kienet ordnat lill-attrici biex tallontana ruħha mid-dar għall-sitt xhur u meta rritornat id-dar, ir-relazzjoni tagħha mal-ulied kienet ippeġġorat.*

*"Illi l-attriċi minn naħa tagħha, mhix tikkoopera mal-professjonisti biex tieħu t-terapija meħtieġa bil-għan illi tibni xi tip ta' relazzjoni mal-ulied.*

*"Illi m'hemmx dubju illi hemm tensjoni kontinwa fid-dar matrimonjali u ġlied u għajjat bejn l-omm u l-minuri u bejn l-omm u l-missier, u dan b' detriment għall-ulied.*

*"Illi huwa minnu ukoll illi jkun ferm aħjar jekk il-ġenituri ma jibqgħux jgħixu fid-dar matrimonjali.*

*"Madanakollu, l-Qorti ma tistax toħloq preċedent perikoluż billi f'dan l-istadju tal-kawża tordna lill-attriċi biex tallontana ruħha mid-dar matrimonjali għal terminu mhux definit. Din il-kwistjoni trid tiġi deċiża mal-ġudizzju finali u mhux qabel. Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-konvenut biex l-attriċi titlaq mid-dar matrimonjali għal żmien indeterminat.*

*"Madanakollu, qegħda tawtorizza lill-konvenut biex jekk jrid hu, jallontana ruħu mid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied minuri wara li dawn tal-aħħar ikunu lestew l-eżamijiet kollha tal-aħħar tas-sena*

*skolastika. Dan ovvjament jkun bla preġudizzju għad-drittijiet kollha tiegħu fir-rigward tad-dar matrimonjali u mingħajr preġudizzju għall-aċċess tal-omm għall-minuri li jkun jrid stabbilit mill-Qorti f'dak l-istadju.*

6. Illi nhar is-26 ta' Marzu 2024, Dr IM ressaq rikors, fejn talab lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex tirrikonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha moghtija permezz tal-20 ta' Marzu 2024, liema talba giet michuda permezz digriet tas-27 ta' Marzu 2024.

7. Illi fid-dawl tas-suespost, l-attur ressaq rikors guramentat odjern, "li skond il-prattika inveterata tat-Tribunali taghna" hekk kellu jsir[5], permezz ta' liema qed jitlob it-thassir, il-kancellament u r-revoka tad-digriet tal-20 ta' Marzu 2024 u minflok tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmi minuri, Z , G u M ahwa M G ulied il-kontendenti, id-dar konjugali ghandha tigi okkupata esklussivament mill-attur u l-imsemmija tfal tal-kontendenti u dan ad eskluzjoni tal-istess intimata, pendente lite.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet f'liema gew rinfaccati b'talba ghall-allontanament ta' parti jew ohra mill-fond konjugali, gieli adirittura tul il-kors tal-medjazzjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kodici Civili. Fil-kaz odjern, din it-talba, li saret mir-Ragel fil-konfront tal-Mara, saret matul is-smiegh tal-kawza bin-numru 16/18AL fl-ismijiet Dr JG vs Dr IM .

---

[5] "Professur John Mamo noe vs Edward Borg proprio et nomine" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Ottubru, 1991.

Illi kwindi japplika l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili li jghid:

> *46. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taż-żwieġ u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taż-żwieġ u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeċiedi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja dik il-kawża.*

Illi bhala stat ta' fatt mhux kontestat, permezz ta' digriet tal-21 ta' Ottubru 2022, din il-Qorti diversament preseduta, kienet ordnat lil Dr  JG sabiex tohrog mid-dar matrimonjali ghal perjodu massimu ta' sitt xhur, filwaqt li hatret esperta psikologa sabiex tezamina lit-tliet ulied u anke tkellem lill-partijiet u tirrelata lura lill-Qorti dwar ma' min ghandhom jirrisjedu l-Minuri kif ukoll jekk kienx hemm aljenazzjoni a skapitu tal-Omm. Jirrizulta li wara li Dr  G aderixxiet ruhha mal-imsemmi digriet, u wara t-trepass ta' sitt xhur, hija rritornat lura fid-dar konjugali.

Ill fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, nhar is-16 ta' Jannar, 1996, fl-ismijiet **"Maria Dolores sive Doreen Scicluna -vs- Nazzareno sive Ronnie Scicluna"** gie ritenut:

> *"Illi dina d-disposizzjoni*[6] *tagħti s-setgħa lill-Qorti li tordna li parti waħda fil-kawża tallontana ruħha mid-dar konjugali u l-parti l-oħra tibqa' tabita fl-istess dar fil-pendenza tal-kawża ta' separazzjoni personali. Illi l-liġi ma tistabilixxix fuq liema kriterju l-Qorti għandha timxi fl-eżerċizzju tas-setgħa fuq imsemmija mogħtija lilha. Kollox huwa rimess għad-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi kull każ fuq il-mertu tiegħu."*

[6] L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili

Illi ulterjorment, fil-kaz fl-ismijiet **"Mary Grech pro et vs Nazzareno sive Reno Grech" deciza fl-1 ta' Frar 1999:**

> *"Mil-lat legali ma jistax ikun ikkontestat li l-provvediment ta' l-Artikolu 46 tal-Kodiċi Ċivili ddaħħal fl-ordinament ġuridiku tagħna bl-Att XXI tal-1993 prinċipalment biex jissalvagwardja u jagħti protezzjoni f'każijiet ta' ċertu serjeta' u urġenza bħal dawk tal-vjolenza fiżika w il-korruzzjoni tal-minorenni. Din l-istess Qorti, pero', kif ġustament irrileva d-difensur ta' l-attriċi wara studju anke ta' ġurisprudenza u dottrina estera estendiet il-każijiet fejn applikat dan il-provvediment anke għal fejn ikun hemm "vjolenza morali u ta' biża', fondata u reali, ta' parti mill-oħra jew tal-minuri minn xi wieħed mill-ġenituri".). Eventwalment meta l-konflitt fid-dar matrimonjali "twassal biex il-koppja assolutament ma tkunx tista' tabita taħt l-istess saqaf, il-Qorti trid tabilfors tipprovdi, jiġi ripetut, eventwalment fl-interess taż-żewġ koppji u fejn hemm il-minuri fl-interess suprem tagħhom.".*

**IKKUNSIDRAT ULTERJORMENT**

Illi fid-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2024, din il-Qorti diversament preseduta, minkejja li hadet konjizzjoni tal-fatt li wara t-trepass ta' sitt xhur mill-allontanament tal-Omm mid-dar matrimonjali ir-relazzjoni taghha mal-ulied kienet ippeggorat kif ukoll li jkun ferm ahjar jekk il-ġenituri ma jibqgħux jgħixu fid-dar matrimonjali flimkien, iddecidiet illi tichad it-talba ta' Dr IM ghall-allontanament ta' Dr JG .

Illi dik il-Qorti immotivat id-digriet taghha billi tenniet illi hija "ma tistax toħloq preċedent perikoluż billi f'dan l-istadju tal-kawża tordna lill-attriċi biex tallontana ruħha mid-dar matrimonjali għal terminu mhux definit" u ddikjarat illi tali "kwistjoni trid tiġi deċiża mal-ġudizzju finali u mhux qabel".

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' tali ragunament, meta l-ligi hija cara u tali talba tista' adirittura ssir fi stadju ta' medjazzjoni. Jirrizulta mill-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna, li l-Qorti ghandha l-Awtorita` li tordna l-allontanament ta' parti mill-fond konjugali *pendente lite* ghal zmien indefinit u dan kif ghamlet f'diversi istanzi.

Dan ma jfissirx li tali digriet hu b'xi mod definittiv, peress li minnu nnifsu hu ta' natura provizorja intiz sabiex jirregola temporanjament is-sitwazzjoni fil-mertu bejn il-kontendenti u fil-fatt jekk ic-cirkostanzi li jkollha quddiemha l-Qorti jinbidlu, fuq talba ta' wahda mill-partijiet hija tista' adirittura tvarja d-decizjoni taghha.

Illi huwa ben ovvju, kemm ghal din il-Qorti kif preseduta, u kemm ghal Qorti kif diversament preseduta (u dan jirrizulta minn kif inhu miktub id-digriet tal-20 ta' Marzu 2024), li l-konflitt bejn din il-koppja u bejn l-Omm u l-ulied, hija sitwazzjoni stenwanti rizultat konsegwenzjali tal-fatt li din il-koppja ghadha qiegħda tabita taht l-istess saqaf u mhux semplicement tal-fatt li z-zwieg taghhom tfarrak b'mod irrimedjabbli u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konvivenza m'ghadhiex iktar possibbli.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tghaddi biex tilqa’ t-talba ta’ Dr IM u konsegwentement qed thassar u tirrevoka d-digriet tal-20 ta’ Marzu 2024 moghti fl-atti tar-Rikors Guramentat 16/18AL fl-ismijiet Dr JG v Dr IM u konsegwentement qed tordna li Dr JG ,tallontana ruhha mid-dar matrimonjali fi zmien xahar mil-lum. Fin-nuqqas li hija tottempera ruhha, hija ghandha tigi zgumbrata mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza, jekk ikun mehtieg, tal-Pulizija Ezekuttiva.

Il-Qorti qed tipprojbixxi lil Dr IM , milli jdahhal kwalsiasi terzi jirrisjedu fl-imsemmi fond.

Bl-ispejjez kontra Dr . JG

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**